**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 10 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 246/15 CSH**

**Berdil Limited (BVI 178641), Akara Bldg, 24, De Castro Street, Wickhams Cay 1, Road Town, Torotla, British Virgin Islands, debitament rapprezentata minn Ivan Camilleri**

**Vs**

**Red Melon Limited (C62249)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti fit-12 t'Awissu, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha l-ammont ta' tmint elef u tmien mitt Ewro (€8,800) rapprezentanti l-invoice numru 133 u l-invoice numru 134 (annessi) ghal servizzi ta' Customer Support moghtija ghax-xahar ta' Marzu 2015 u April, 2015 li ghadhom pendenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Minkejja li l-pagamenti tax-xhur ta' qabel saru regolarment, l-ahhar zewg pagamenti qatt ma saru, ghalkemm diversi drabi interpellati ghall-hlas.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz, u l-interessi legali kontra l-kumpanija intimata, li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta' intimata Red Melon Limited (C62249) fejn eccepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, is-socjeta' intimata teccepixxi illi s-socjeta' rikorrenti Berdil Limited, kumpanija registrata u inkorporata fil-British Virgin Islands m'ghandha l-ebda interess guridiku, dirett jew personali fil-konfront tas-socjeta' intimata Red Melon Limited.*

2. *Illi fit-tieni lok u wkoll preliminarjament, ma hemm l-ebda ness, vinkolu kontrattwali jew rabta akwiljana bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' intimata Red Melon Limited u ghalhekk il-gudizzju m'huwiex integru.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u in ogni caso l-oneru tal-prova jinkombi fuq il-parti li qieghda tallega cioe' s-socjeta' rikorrenti biex tressaq prova ta' dan id-debitu.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' intimata umilment u bir-rispett titlob ghalhekk sabiex dina l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet attrici fit-totalita' taghhom.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici lil hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Illi fit-13 ta' Jannar, 2016 s-socjeta' attrici pprezentat l-affidavit ta' **Ivan Camilleri**, Direttur u rappreżentant legali tal-istess kumpanija Berdil Ltd, li

hija kumpanija reġistrata fil-British Virgin Islands, u li tipprovdi servizzi f'diversi pajjiżi, fosthom Malta.

Qal li Berdil Ltd kienet tipprovdi żewġ servizzi lil kumpanija Red Melon Ltd. Waħda minnhom kienet *customer support* [fejn għalihom l-*customer* huwa RedMelon Ltd] għal kumpanija RedMelon Ltd stess, u *customer support* lil klijenti ta' RedMelon Ltd. Spjega li RedMelon Ltd hija kumpanija li tipprovdi servizzi ta' *remote gaming*, u kienet debitament liċenzjata mal-Malta Gaming Authority. Qal ukoll li fir-rigward tal-*customer support* għal kumpanija RedMelon Ltd., huma kienu jieħdu ħsieb il-konsulenza fir-rigward tan-negozju, fosthom, iżda mhux biss, li l-kumpanija RedMelon Ltd tiggestixxi s-sit elettroniku tagħhom kif għandu jkun, tieħu ħsieb il-komunikazzjoni bejn il-business partners ta' RedMelon Ltd, u attendenza fil-laqgħat li kien ikun hemm bejn RedMelon Ltd., u terzi, kif ukoll li jittiehdu l-minuti ta' tali laqgħat.

Zied jgħid li l-persuna prinċipali li kien jattendi għal dawn il-laqgħat kien Christopher Aguis, u ġieli attenda huwa wkoll. Dan Christopher Aguis huwa wkoll impjegat ta' Corporate Solutions Ltd., liema kumpanija kellha ftehim ma' Berdil Ltd., fejn Corporate Solutions Ltd., kienet tipprovdi s-servizz ta' Christopher Aguis għal Berdil Ltd. Għal kull buon fini, spjega li hu personali huwa azzjonist u Direttur fil-kumpanija Corporate Solutions Ltd.

Kompla jispjega li ħafna minn dawn il-laqgħat kienu jkun tramite *skype*. Anness u mmarkat bħala **Dok. A1**, hemm sensiela ta' skype chats bejn Mario Karner u Christopher Aguis. Apparti dawn c-*chats*, kien ikun hemm wkoll komunikazzjoni orali. Ix-xhud qal li dawn ic-*chats* li ppreżenta huma wħud minn dawk li sab bejn Frar, 2015, u April, 2015. Mario Karner, bħala Direttur ta' Red Melon Ltd., xtaq li Christopher Aguis juża l-email tas-sit elettroniku 'Ready to Bet'., li huwa s-sit elettroniku li kienet tuża Red Melon Ltd. Anness

bħala **Dok. A2** hemm email fejn jidher li l-email hija mibgħuta minn Mario Karner, u indirizzata lil Chris. Inoltre, bħala eżempju anness bħala **Dok. A3** hemm email mibgħut minn Mario Karner stess lil email address 'office@readytobet.com'., li kif diga spjega huwa l-email address li kien juża Christopher Aguis, u dan kif jista` jikkonferma l-istess Christopher Aguis.

Ipprezenta wkoll kopja tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija Red Melon Ltd., fejn juri li Mario Karner kien direttur tal-kumpanija Red Melon Ltd. Inoltre, ġiet preżentata wkoll kopja tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija Red Melon Holdings Ltd. Dawn huma annessi bhala **Dok. B1** u **B2** rispettivament. Spjega li għalkemm originalment is-servizz kellu jingħata minn Corporate Solutions Ltd., bħala stat ta' fatt, u kif jirrizulta wkoll minn dak ga spjegat, is-servizz dejjem ingħata minn Berdil Ltd. Difatti l-invoices dejjem ħarġu minn Berdil Ltd., u *multo magis*, dawn dejjem tħallsu minn Red Melon Ltd lil Berdil Ltd., u dan dejjem fil-kont bankarju ta' Berdil Ltd. Anness bħala **Dok. C1** hemm kopja tad-dokumenti bankarji li juri li l-ħlas sar mill-kumpanija RedMelon Ltd., lil kumpanija Berdil Ltd. Anness ma' tali dokumenti hemm ukoll kopja tal-invoices relattivi.

Zied jgħid ukoll li għalkemm huwa kellu aċċess għal kontijiet bankarji ta' Red Melon Ltd, fejn kellu wkoll il-fakultà` li jagħmel transfers, insista li hu <u>qatt</u> ma għamel transfer lil kumpanija Berdil Ltd., iżda kien l-istess Mario Karner li dejjem għamel dawn it-transfer. Difatti kif jirrizulta minn **Dok. C2,** qal li hu kien jibgħat l-invoice u Mario kien jibgħat konferma tal-ħlas, flimkien mad-dettalji bankarji relattivi li jikkonfermaw l-ħlas.

Ivan Camilleri qal li dan kollu li semma hawn fuq, kien fir-rigward tas-servizz li Berdil kienet tagħti lil kumpanija RedMelon Ltd., stess. Imbaghad ghadda biex jispjega s-servizz li Berdil Ltd., kien tagħti lil klijenti ta' RedMelon Ltd., ossia dak tal-*customer support.*

Qal li fir-rigward tal-customer support għall-klijenti tal-kumpanija RedMelon Ltd., huma kienu jieħdu ħsieb, fost affarijiet ohra, izda mhux biss, [i] li jsiru l-*payouts,* [ii] jirrispondu l-korrispondenza elettronika tal-players; [iii] jivverifikaw li l-identita` tal-*players* hija ġusta, [iv] u jassistu l-players fi kwalunkwe diffikultà. Hawnhekk spjega li kemm hu kif ukoll il-mara tieghu u anke Christopher Aguis kellhom indirizz elettroniku fuq '*readytobet.com'*. Skont ix-xhud kien Mario stess li xtaq li juzaw tali indirizz elettroniku.

Difatti kif jidher f'**Dok. D1** anness [email datat 21 ta' Novembru, 2014], kien l-istess Mario li kien provda tali indirizzi u passwords relattivi. Kif jirrizulta wkoll minn **Dok. D2** anness [email datat 26 ta' Marzu, 2015] Christopher Aguis kien jikkorrispondi mill-indirizz office@readytobet.com. Inoltre zied li l-mara tiegħu (tax-xhud) gieli kienet titkellem ma' Mario għax Mario huwa Ġermaniż, u l-mara tiegħu titkellem sew bil-lingwa Ġermaniża. Anness bħala **Dok. E1** u **E2** hemm sensiela ta' emails bejn klijenti ta' RedMelon Ltd., li kienet topera taħt l-isem '*Ready to Bet'*, u rappresentanti ta' Berdil Ltd. Dawn kienu jużaw email address '*support@readytobet.com'*. Il-persuni li kienu jużaw dan l-email address kienu Laura Gonzales Gomez, u Velentina Prioetti. Qal li llum il-ġurnata m'għandux aktar kuntratt ma' dawn il-persuni. Waħda mir-raġunijiet għal dan huwa li kellu jwaqqafhom, *stante* li Red Melon Ltd. ma ħallsitx l-ammont dovut, u għaldaqstant waqaf is-servizz.

Spjega li Dok. E1 jirreferi għal emails li ħarġu fix-xahar ta' Marzu, 2015 u Dok. E2 jirreferi għal emails li ħarġu fix-xahar ta' April, 2015. Bħal dawn l-email hemm ukoll tax-xhur bejn Novembru, 2014 sa Frar, 2014. Stante li dawn huma voluminużi u din il-kawża tirrigwarda x-xhur ta' Marzu u April, 2015, ix-xhud ippreżenta dawn tax-xhur li ma tħallsux. Ikkonferma li l-kumpanija intimata għandha kopja ta' dawn l-emails stante li wara li kien intemm is-servizz da parti tal-kumpanija intimata, huwa kien bagħat il-files

kollha lil kumpanija intimata tramite l-avukat tiegħu. Kompla li kif jidher fid-dati ta' l-emails annessi, nonostante li ma kinux thallsu, w kienu bagħtu reminders għal ħlas, xorta, komplew jagħtu s-servizz sal-ahhar ta' April, 2015.

Anness bħala **Dok. E3** hemm sensiela ta' *skype chats* bejn Laura Gonzalez Lopez ma' 'Risk247', li hija l-skype account ta' software provider, li f'dan il-kaz kien 'IGS Ltd.' Anness bħala **Dok. E4** hemm kommunizzjoni bejnu w Mario Karner fejn kif jirrizulta fit-tielet paġna ta' l-imsemmi Dokument, l-istess Mario Karner jgħid "*Tell Laura she does a good job for Red Melon*". Kif jirrizulta mill-istess Dokument, dan kien fl-10 ta' Marzu, 2015.

Iddikjara li huma diversi drabi bagħtu l-invoices, u anke emails speċifiċi biex jirċievu l-flus. Saħansitra, kif jidher f'sms fil-15 ta' April, 2015 bejn il-mara tiegħu Nilay Camilleri u Mario Karner [kopja annessa bhala **Dok. F1**, u tranduzzjoni ta' l-istess annessa bħala **Dok. F2**] fejn l-istess Mario Karner jikkonferma li l-hlas ha jisir. Inoltre, anness bħala **Dok. F3**, hemm email li x-xhud bagħat lil Mario Karner, fejn talbu l-flus relattivi, u dan irrisponda li ha jkellmu lura. Dan l-email huwa datat 22 ta' April, 2015 u Red Melon baqgħu jieħdu s-servizz sal-ahhar ta' April, 2015. Iddikjara li fil-fehma tieghu din kienet malizzja kbira ta' l-istess Direttur ta' RedMelon – Mario Karner, fejn qiegħed jieħu s-servizz, iwiegħed li ha jħallas, u kif jidher car anke mill-istess email, ma' hemm l-ebda diffikultà li tifhem li l-ammont ta' €8,800 kien dovut lil Berdil Ltd.

Ikkonferma li huwa jaf b'dawn l-affarijiet personalment, għax kien parti mit-team li kienu jagħtu dan is-servizz. Matul iż-żmien kien hemm diversi persuni, fosthom il-mara tiegħu Nilay Camilleri, Christopher Aguis, Laura Gonzales Gomez, u Valentina Proietti li kienu parti ta' dan it-team, u dan kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni annessa.

Spjega li s-servizzi bdew f'Lulju, 2014 u ntemmu minħabba nuqqas ta' pagamenti mil-kumpanija intimata f'April, 2015. Qal li sa Marzu, 2015 qatt ma kien hemm problema ta' hlas, jew kwalunkwe ħjiel li l-kumpanija intimata tixtieq tbiddel u ttemm s-servizz. Inoltre, spjega li biex huma jkunu jistghu jaghtu s-servizz, kif fil-fatt għamlu, kellhom bżonn aċċess, fost affarijiet oħra, għal kontijiet bankarji tal-kumpanija intimata, liema kumpanja ma bidlietx l-aċċess, u għalhekk skond ix-xhud hu ben ovvju li kieku verament xtaqu jtemmu s-servizz, setgħu jagħmlu dan anke billi jwaqqfu l-aċċess li Berdil Ltd. kellha, stante li kellhom id-drittijiet kollha li jiġġestixxu l-aċċess.

Kompla jikkonferma li huwa kien jitkellem prinċipalment ma' certu Mario Karner, li huwa direttur ta' RedMelon Ltd. Ikkonferma li huwa wkoll kien direttur ta' RedMelon Ltd., izda in vesti differenti. Temm billi qal illi għalkemm huma talbu diversi drabi għal pagament, u saħansitra bil-miktub [SMS] Mario Karner qal li l-ħlas ha jsir, dan qatt ma sar, u għalhekk kellha issir din il-kawża.

Illi fil-15 ta' Gunju, 2016 xehed **Ivan Camilleri** in kontro-ezami wara li gie muri l-affidavit tieghu inserit fl-atti. Ix-xhud ikkonferma li jahdem bhala direttur tas-socjeta' attrici. Ma jiftakarx ezattament meta Red Melon kienu bdew ighatu is-servizz taghhom, anzi zied li jista' jkun li kienu huma li bdew jaghtu servizz lil Red Melon. Qal li jista' jkun li kien f'Lulju tas-sena 2014 ghaliex kien dak iz-zminijiet meta ghamel il-ftehim li kien wiehed verbali. Qal li effettivament huma kienu taw diversi *discounts* pero' mbaghad meta x-xoghol beda jzid bdew jiccargjaw. Ix-xhud qal li ma jafx li kien hemm xi ftehim iehor qabel dan verbali. Fl-affidavit ghamel referenza ghall-email mibghuta mis-socjeta' attrici fejn kien qed jinfurmah x'kien is-servizz. Ghal darb'ohra qal li ftehim bil-miktub ma kienx hemm bejn is-socjetajiet kontendenti ghax dejjem kien hemm *a gentlemen's agreement*. Zied jghid li effettivament huwa kien jokkupa l-kariga ta' direttur ta' Berdil u sabiex ma

jkunx hemm konflitt ta' interess il-pagamenti dejjem kienu jsiru minn Mario Karner minkejja li huwa kellu access ghall-kontijiet bankarji.

Kompla li effettivament Karner kien baghat anke messagg lill-mara tieghu fejn giet mgharrfa li kien se jaghmel il-pagamenti. Spjega li kellu tali access sal-ahhar ta' April, pero' f'Mejju nqata' kull access u huwa qata' wkoll. Sahaq li huwa m'ghamel l-ebda ftehim, lanqas personalment, mas-socjeta' konvenuta. Qal illi x-xoghol li kien qed isir mis-socjeta' Berdil u li Mario Karner, li huwa d-direttur ta' Red Melon, ma kienx jaf x'taghmel is-socjeta' Berdil bhala operazzjoni. Zied jispjega li Christopher Agius huwa mpjegat ma' Corporate Solutions pero' kien jaghti servizz lil Berdil. Il-ftehim bejn il-Corporate Solutions u l-Berdil kien apparti kull ftehim li kien hemm bejn Berdil u s-socjeta' Red Melon u filfatt Mario Karner dejjem ghamel il-pagamenti lil Berdil u dejjem ma' Berdil kellu x'jaqsam. Christopher Agius kien *sub-contractor* ta' Berdil pero' s-socjeta' Red Melon ma kellha x'taqsam xejn maghha.

Mistoqsi ghaliex originarjament is-servizz kellu jinghata minn Corporate Solutions, wiegeb illi kien hemm problema minhaba l-VAT, fis-sens li *gaming company* ma tistax tinvojsja direttament lill-*gaming company* u huwa kellu kumpanija gewwa l-BVI li taghti dan is-servizz, cioe' li taghti *customer support* lill-klijenti differenti. Din hija s-socjeta' Berdil. Ghalhekk Berdil invojsa lil Red Melon. Spjega li filfatt barra l-pajjiz hemm diversi nies jahdmu mas-socjeta' Berdil. Il-Corporate Solutions kien *sub-contracted*. Minkejja dan l-invoice kienet tohrog mis-socjeta' Berdil. Kompla jispjega illi l-ewwel relazzjoni primarja ta' Red Melon hija ma' Corporate Solutions pero' *in the long term* ftehmu li s-servizz jinghata minn Berdil. Iddikjara li jista' jkun li filfatt ghandu xi korrispondenza f'dan ir-rigward u pprometta li jfittixha u jesebiha fis-seduta li jmiss. Mistoqsi jekk kienx hemm ftehim dwar is-servizz li kellha taghti Corporate Solutions lil Red Melon, wiegeb li ma

jafx, pero' kuntratti m'hemmx zgur. La fuq *customer support* u lanqas fuq *payment analysis* ma saru kuntratti bejn Red Melon u Berdil. Lanqas bejn Red Melon u Corporate Solutions m'hemm.
Is-servizz inghata minn Berdil minhabba l-kwistjonijiet ta' VAT. Ikkonferma li effettivament dejjem thallas fil-passat u kienu fl-ahhar xahrejn biss li ma hallasx, kif jirrizulta mill-bank statements annessi mal-affidavit tieghu.

Ikkonferma li huwa minnu li t-talba hija fuq tmint elef u tmien mitt Ewro (€8,800) fuq zewg *invoices* u dan skont il-ftehim li kellhom li kien li huwa kellu jhallas erbat elef u erba' mitt Ewro (€4,400) fix-xahar. Qal li fil-hames xhur ta' qabel, dejjem thallas dawn l-ammonti u qatt ma gew ikkontestati u l-ftehim li huwa kellu jhallas dan l-ammont fix-xahar kien wiehed verbali. Sostna li s-socjeta' konvenuta qatt ma' qalulhom illi ma kinux kuntenti bis-servizz tant li fi Skype *conversation* (kif jirrizulta mill-affidavit tieghu) Mario Karner kien jghid illi Maria Gomez - li kienet tahdem maghhom- kienet taghmel xoghol tajjeb. Kien f'nofs April li nqalghat din il-kwistjoni fejn Mario Karner ma riedx ikompli jhallas. Sostna li minkejja li kien hemm problemi bejniethom, hu xorta baqa' jiehu hsieb il-pagamenti li kienu jsiru tramite l-Master Card, il-VISA card tieghu. Qal li kien hu li ddecieda illi jaqta' linja fl-ahhar ta' April, peress li ma kien ikollu l-ebda risposta ghat-talbiet tieghu ghall-hlas u f'nofs April beda jxomm li kien hemm xi haga sejra hazin ghaliex ma bediex iwiegbu u naturalment huwa mhux se jzomm persuna tahdem mieghu meta ma jridx. Pero' qal li dak li ghamel naturalment irid jithallas tieghu.

Fis-27 ta' April, 2016 gie pprezentat l-affidavit ta' **Nilay Camilleri** mis-socjeta' attrici li ddikjarat li hija flimkien ma' zewgha Ivan Camilleri, hija direttrici ta' Corporate Solution Ltd., kumpanija li fost affarijiet ohra tipprovdi servizzi ta' konsulenza. Ikkonfermat li zewgha Ivan huwa direttur u

rapprezentant legali ta' Berdil Ltd., kumpanija registrata fil-British Virgin Islands.

Ix-xhud qalet li taf ben tajjeb bir-relazzjoni kontrattwali li kien hemm bejn Red MelonLtd. u Berdil, stante li hija kienet involuta fid-diskussjonijiet mill-bidu nett u hi u zewgha Ivan kienu jiddiskutu l-operat ta' Red Melon Ltd. Taf ukoll li wiehed mid-diretturi ta' Red Melon Ltd. kien Mario Karner u fil-fatt hija kienet il-persuna li l-iktar kienet tikkomunika ma' dan Karner, peress li dan huwa Germaniz u hija taf taqra w tikteb sew b'din il-lingwa. Sostniet li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet tajba hafna u filfatt kienu jitkellmu regolarment. Ghaldaqstant meta nqalghet din il-problema dwar hlas, zewgha kien talab lilha biex tkellem lil Karner, fejn hi kienet baghtitlu SMS (kopja annessa) u dan kien ikkonferma li kellu jhallas.

Qalet li Berdil kienet tipprovdi zewg tipi ta' servizzi lil Red Melon Ltd. – wahda ta' customer support lil Red Melon Ltd. per se (fejn Red Melon kienet il-klijenta taghhom) – fejn kienu joffrulhom konsulenza dwar it-tmexxija in generali tan-negozju. Is-servizz l-iehor kien li huma kienu joffru customer support lill-klijenti ta' Red Melon Ltd., fejn kienu joffru l-possibilita' li klijenti ta' Red Melon Ltd. jikkomunikaw direttament ma' rapprezentanti ta' Berdil Ltd.

Iddikjarat li hija flimkien ma' Christopher Agius, li kien impjegat ma' Corporate Solution Ltd., kienu l-persuni li kienu jipprovdu tali servizzi. Corporate Solution Ltd. allura kienet qed tipprovdi s-servizzi lil Berdil Ltd. Pero' spjegat li Corporate Solution Ltd qatt ma harget xi invoice, jew thallset minghand Red Melon Ltd., ghalkemm stqarret li gieli thallsu minghandhom ghal servizzi ohrajn, bhal '*virtual office*', '*management account*' u '*Key Official Services*'. Iddikjarat li minkejja d-diversi *reminders*, sallum, Red

Melon ghad fadlilha thallas lil Corporate Solution Ltd. ghax-xhur ta' Marzu u April 2015.

Ix-xhud qalet li f'dan il-kaz Red Melon Ltd. kienet klijenta kemm ta' Berdil Ltd. kif ukoll ta' Corporate Solutions Ltd. Ziedet li dejjem sar kull sforz biex din tinqeda tajjeb u li sa April din kienet sodisfatta bis-servizz moghti lilha. Qalet ukoll li sa Frar il-hlasijiet dejjem saru regolari w ghaldaqstant huma kienu kuntenti joffru s-servizzi taghhom. Qalet li tant hu hekk li l-klijent kien f'negozjati maghhom biex jestendulu s-servizzi taghhom.

Kompliet tghid li Mario Karner kien persuna esigenti hafna, u kien icempel jew jibghat messaggi, b'mod specjali lil Ivan Camilleri, fi kwalunkwe hin tal-gurnata, kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl. Cio' nonostante huma dejjem ghamlu minn kollox biex jaqduh sew bl-ahjar mod possibbli.

Qalet li f'April 2015, Red Melon Ltd. kienu talbu lil Berdil Ltd. u lil Corporate Solution Ltd. biex jirritornawlhom kull dokumentazzjoni li kellhom. Huma ghamlu dan tramite r-rapprezentanti legali taghhom.

Illi permezz ta' nota ipprezentata mis-socjeta' konvenuta fis-7 ta' Ottubru 2016, fejn gie ipprezentat l-**affidavit ta' Mario Karner** li bl-ingliz u bil-gurament qal li huwa id-Direttur tas-socjeta' Red Melon Limited li ghandha is-sit taghha hawn Malta u tipprovdi servizzi ta' gaming u hija licenzjata mal-Malta Gaming Authority (MGA). B'referenza ghal l-ishma ta-socjeta' RedMelon stqarr li l-uniku shareholder hija Red Melon Holdings Ltd u li s-struttura tas-socjeta' gie kreata wara parir tas-socjeta' Corporate Solution Limited bl-ghajnuna ta' Nilay Camilleri u Ivan Camilleri. Ivan Camilleri kien gie appuntat bhala il-Key Official tas-socjeta' Red Melon Limited u dan permezz ta' ftehim Key Official Services Agreement (Doc MK1) li gie

iffirmat fil-5 ta' Mejju, 2014. Ghalhekk kien kemm il-key official kif ukoll id direttur tas-socjeta' Red Melon Limited.

Spjega li Ivan Camilleri ma kienx iddikjara lil Malta Gaming Authority l-posizzjoni tieghu bhala key official minkejja li kellu jaghmel dan. Karner kompla jghid li n-nuqqas li Ivan jghamel hekk setgha pogga il-licenjza tas-socjeta' Red Melon f'xi perikolu u dan ghaliex l-Malta Gaming Authority setghet qieset att bhala dan bhala non compliance mal-provedimenti legali. Stqarr li kif kienu jafu kemm Ivan kif ukoll Nilay Camilleri, Nilay Camilleri kienet introdicietu lejn socjeta' li tipprovdi software maghrufa bhala Worldmatch fejn giet krejata relazzjoni bi diversi problemi.

Peress illi is-socjeta' Red Melon Limited kellha bzonn infrastruttura ta' customer support, kien avvicina lil Nilay Camilleri u talabha tibghat proposta f'dan ir-rigward. Qal li kienu gew avvicinati mis-socjeta' Corporate Solution Limited (Dok MK2). Ma kien hemm l-ebda referenza ghas-socjeta' Berdil Limited fil-proposta u hemm indikat li kellha tkun is-socjeta' Corporate Solution Limited li kellha tipprovdi customer support services. Aktar u aktar Mario Karner stqarr li Ivan Camilleri gharraflu li il-customer support ta' Red Melon's kellu jkun outsourced lejn socjeta' Maltija u mhux lejn kumpanija li ma kienitx membru tal-Komunita' Ewropeja. Spjega lid an jidher minn e-mail li kienet intbghatet bejnu u bejn Ivan Camilleri fejn Ivan Camilleri jghid b'mod car li kien ikollu problema bil-customer support services uzati gewwa Costa Rica (Doc MK3).

A bazi ta' dan it-twemmin, Mario Karner spjega illi kienu iddecidew li jkollhom customer support bazat f'Malta tramite Corporate Solution Limited li fih innifsu jindika li qatt ma kellhom intenzjoni li jaghmlu outsourcing tal-customer support taghhom lejn is-socjeta' Berdil Limited, li hija socjeta' registrata fil-British Virgin Islands.

Spjega illi fi Frar kien gie infurmat minn gokatur li l-customer support team ma kinitx wiegbet wahda mill-emails tieghu u ghalhekk kien ikkonfronta lil Nilay Camilleri dwar din il-materja. Nilay wiegbet l-email teghu bil-lingwa Germaniza (Doc MK4) pero' minkejja dan kollu qatt ma tatu twegiba il-ghala l-email tal-gokatur qatt ma giet imwiegba mit-team tal-customer support.

B'referenza ghall-ftehim bejn is-socjeta' Corporate Solution Limited u s-socjeta' Red Melon Limited, dan gie terminat permezz ta' email minn Nilay Camilleri (Dok MK5) fejn Nilay Camilleri agixxa ghan-nom tas-socjeta' Corporate Solution Limited u dan sabiex jigi terminat il-customer support services li kienet qed tipprovdi lejn il-klijenti tas-socjeta' Red Melon Limited.

Qal li qatt ma kien iffirma xi kuntratt mas-socjeta' Berdil Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Red Melon Limited u qal li ma kienx jaghmel sens peress li diga' kellhom kuntratt ma' Corporate Solution Limited dwar customer support. Aktar u aktar lanqas ma t-terminazzjoni ta' Nilay Camilleri ghan-nom ta' Corporate Solution Limited ma kienet taghmel sens peress illi Nilay Camilleri carament kienet qed tagixxi ghan nom ta' Corporate Solution Limited u mhux ghan-nom ta' Berdil Limited. Qal li qatt ma gie moghti xi spjegazzjoni dwar il-ghala kellhom ihalsu l-invoices mahruga mis-socjeta' Berdil Limited.

Qal ukoll li fil-fehma tieghu hass li s-socjeta' Red Melon Limited hija gustifikata biex tirrifjuta li thallas l-ammont tilub mis-socjeta' Berdil Limited minhabba il-fatt li l-kwalita' tas-servizz moghti lis-socjeta' Red Melon Limited kienet *sub-par*, u certament mhux ta' livell misthoqq skond il-ftehim. Kompla jghid li n-nuqqasijiet imsemmija iktar 'l fuq huma indikati fid-dokument anness Skype 'chat-log' li jikkontjeni varji cirkostanzi ripetuti ta' nuqqasijiet tas-services provider (Doc MK6).

Kompla jizvela aktar nuqqasijiet kif indikati fl- Skype 'chat-log'. Qal li kemm il-darba kellu jinforma lil Christopher Agius dwar zbalji fuq il-website taghhom biex jikkoregihom. Fil-fehma tieghu zbalji bhal dawn mhux suppost kellhom ikunu hemm fl-ewwel lok peress li dejjem provdew lis-sur Agius b'istruzzjonijiet cari ta' kif kellu jimplementa kwalsiasi tibdil fil-website u ghalhekk ma kellux ghalfejn iressaq xi skuzi (Doc MK6). Spjega aktar cirkostanzi fejn id-desktop version jew mobile version tal-website taghhom ma kinitx qed tahdem fuq web-browser partikolari jew addirittura fuq kollha (p1 ta' Doc Mk6).

Cirkostanza ohra fejn Karner spjega li kien hemm web page partikolari mill-website taghhom li ma kinitx qed tillowdja u l-gokaturi kienu qed jircievu messaggi ta' zball bhal, "*This web page has a redirect loop"* (p4 of Doc MK1) kif ukoll "*There is a slowdown in the script execution or a Time-out*: '*A script on this page may be busy, or it is no longer responding. You can stop the script now, or continue to see if the script will complete"* (p5 of Doc MK6).
Sostna li dawn n-nuqqasijiet kellhom jigu indirizata minnufih lil Christopher Agius peress li kienet ir-responsabilta' tieghu li jassikura li l-website kienet dejjem qed tiffunzjona f'kull hin. Il-fatt li kellu jattiralu cirkostanza partikolari tindika li s-Sur Agius ma kienx pro-active fl-approach tieghu u li minflok dejjem strah fuq nies ohra sabiex jattirawlu l-attenzjoni ghal problemi li kien ikun hemm minflok ma kien jinduna bihom hu wahdu. Spjega li din forsi tindika certu nuqqas ta' 'preventative maintenance' fuq il-website sabiex jigu evitati incidenti simili li kienu jirrizultaw f'down-time u telf ta' revenue.

Partikolarment, Mario tkellem fuq incident fejn l-e-mail server kienet down. Il-frustrazjoni tieghu kienet evidenti ghaliex kien baghat is-segwenti: "e-mail SERVER IS DOWNNNN". Spjega kif ir-risposta tas-sur Agius kienet wahda kalma u distanti u dan ghaliex wiegeb "*Ivan is talking with Andrea*" fejn

Mario wiegeb "*I show you how many minutes our server was down in the last 14 days*.", u dan bhala referenza lejn il-frequent down-time esperjenzata mis-server fejn is-sur Mr. Agius wiegeb "ok" (see p6 ta' Doc MK6).
Cirkostanza ohra fejn kien hemm l-sportsbook li ma kienx qed jillowdja. Spjega li ghal darb ohra kellu hu stess jinforma lill-klijent is-Sur Agius li tfisser li hu stess ma kienx infurmat bil-problema li kien hemm. Probabbilment is-Sur Agius kien jibqa' mhux infurmat ghal zmien twil li kien jirrizulta f' down-time tal-website, il-gokaturi li ma kienux kuntenti u fl-ahhar telf ta' revenue u reputazzjoni (p7 ta' Doc MK6).

Spjega li c-chat-log iwassal lil wiehed jissuspetta li l-attitudni generali tas-Sur Agius kienet karatterizzata b'livell ta' indifferenza. Ghalkemm inizjalment kien edukat fic-chats kollha, Mr. Agius malajr sar apatetiku kull darba li kienet tqum problema. Di piu' stqarr li kellu kontinwament jigri wara Agius biex jikkomunika mieghu peress li s-Sur Agius dejjem ippostpona l-Skype calls u ta' spiss kien jghid li kien ikollu hafna x'jaghmel il-gurnata kollha jew ma setghax jirrispondi fil-hin gja miftiehem minhabba xi emergenza.

Mario Karner esebixxa mal-affidavit tieghu numru ta' emails fejn kien hemm complaint tal-klijenti fejn jidher li kien hemm is-servizz fjakk offrut mis-sur Agius lejn il-klijent. Stqarr li numru kbir tal-klijenti kienu garru li certu bonuses u transazzjonijiet ohra li kellhom jsiru b'mod awtomatiku ma sehhewx u kellhom jigu processati b'mod manwali u b'mod individwali, li kien iwassal ghal certu dewmien ghall-klijenti taghhom u li ma kellhiex riflessjoni tajba fuq ir-reputazzjoni tas-socjeta'.

Stqarr li d-dewmien tal-bonuses irrizultaw fil-maggor parti tal-kazijiet bhala telf ta' revenue peress li l-gukaturi kienu jixtiequ juzaw il-bonuses taghhom biex jilghabu addizzjonalment billi izidu il-bets fuq il-website taghhom u dan

ma setax isir qabel ma jircievu l-bonus tramite il-customer support team (Doc MK7).

Illi fis-26 ta' April, 2017 xehed **Mario Karner** bl-Ingliz tradott ghal Malti mill-Qorti. Ikkonferma li bhala fatt is-servizz kien gie moghti lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' Corporate Solution Limited u li in effetti s-servizz moghti ma kienx tajjeb. Qal li ma kienx minnu li garr ghall-ewwel darba biss meta pprezenta l-affidavit tieghu, izda kien garr qabel u kien sahanstira anke informa telefonikament lil Ivan Camilleri li ma kienx ser ihallas ghaliex is-servizz moghti ma kienx tajjeb. Qal li kien informa kemm lil Ivan Camilleri kif ukoll lil Nilay Camilleri li s-servizz ma kienx tajjeb u li kellhom ibiddlu xi affarijiet. Qal li ma kienx qal hekk fir-risposta tieghu ghaliex xtaq li isibu soluzzjoni amikevoli bejniethom qabel. Qal pero li seta' jikkonferma li kellhom din id-diskussjoni u kkonferma li kien anke baghat text lil Nilay Camilleri li kien lest li ihallas.

Kompla jghid li wara li kien baghat l-SMS sab affarijiet ohra li ma kienx kuntent dwarhom. Mistoqsi jekk kienx kuntent bl-ahhar faccata tal-affidavit tieghu li jirreferi ghal service provider wiegeb fl-affermattiv izda mhux b'kollox. Is-service provider hija s-software provider u s-service provider m'ghandha x'taqsam xejn mal-kontendenti f'dan il-kaz ghalkemm dawn kienu gew introdotti lilhom mis-socjeta' attrici tal-kawza odjerna. Qal li meta stqarr li s-service kien down il-complaint kienet diretta lejn s-softwar provider minkejja li kien kkonferma li kien gja hallas lis-sur Christopher Agius. Kien anke hallas lis-socjeta' Corporate Solution sabiex xi hadd jiehu hsieb il-website tieghu u li s-socjeta' Corporate Solution kienet introducietu ma' Christopher Agius u jemmen li kien gja hallsu s-somma ta' €900 ghas-servizz li jekk jiftakar sew kien wiehed mensili.

Karner qal li meta is-servizz kien ikun down, il-kuntatt taghhom kien mas-socjeta' Corporate Solution li kellha tinforma lil Christopher Agius li s-servizz kien down sabiex il-pagamenti setghu jsiru eventwalment. Kompla jghid li l-problema kienet li kienu jkellmu lil Christopher Agius li mbaghad kien ikellem hu lis-service provider. Informa lil Qorti li Laura kienet wahda mit-tfajliet li kienet tahdem fil-customer services ghal Red Melon Limited pero' ma kinitx taghmel xogholha sew. Huwa kien baghat messagg qabel ma kien jafha u spejga li meta kien jaghmel il-pagamenti xorta kellhom diskussjonijiet dwar is-servizz ghaliex ma kienx kuntent bih.

Illi fit-13 ta' Settembru, 2017, xehed **Mario Karner** bil-lingwa Ingliza tradotta ghal Malti mill-Qorti. Dan iddikjara li hu qatt ma ressaq xi lment kontra l-kumpanija attrici, u kkonferma li kien sar pagament lill-istess kumpanija. Qal li l-kuntratt kien gie ffirmat minn kumpanija maghrufa bhala I Gaming Consulting. Ipprometta li jesebixxi tali kuntratt f'seduta sussegwenti.

Rat il-kopja tal-proposal esebit mix-xhud Mario Karner li gie mmarkat bhala Dok. BL.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2017 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi s-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' tmint elef u tmien mitt ewro (€8,800) rapprezentanti din is-somma servizz moghti lis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici rapprezentanti customer support ghax-xahar ta' Marzu 2015

u April 2015. Is-socjeta' konvenuta ma tridx taghmel dan principalment minhabba tlett raguniet.

a. Peress illi s-socjeta' attrici hija registrata fil-British Virgin Islands u ma ghandha l-ebda interess guridiku dirett jew personali mas-socjeta' konvenuta.
b. Ma hemm l-ebda ness u vinkolu kuntrattwali jew rabta akwiljana bejn is-socjetajiet kontendenti u ghalhekk hija s-socjeta' attrici li trid tipprova t-talba taghha.
c. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u hija l-istess socjeta' attrici li trid tipprova d-debitu taghha.

Illi bhala risposta tas-socjeta' konvenuta dawn huma t-tlett ragunijiet ghaliex fil-fehma taghha m'ghandhiex thallas minkejja li fix-xhieda li ta Mario Karner Direttur tas-socjeta' konvenuta jghid li ma riedx ihallas ghax ma kienx kuntent bis-servizz li kien qed jigi moghti mis-service provider.

**Interess guridiku.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili , fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone et vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta' Jannar, 2007 qalet:
"Dwar il-kuncett ta' l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;
Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomin**e deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Superjuri fit-28 ta' Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.

L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta' l-atturi. (**Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588;)**. Il-Mattirolo f'dan ir-rigward jispjega li:

"*L'azione compete soltanto e tutela dei diritti; l'interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` 'injuria datum', se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*"

Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta' l-azzjoni.

L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cjoe jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et** noe deciza mill-Qorti ta' L-Appell fid-29 ta' Jannar 1997).

Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta' Frar 1993.

Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista' jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara '**Axiaq vs Mizzi noe et'** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta' Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey**, Appell Civili deciz fil-15 ta' Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim'Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta' Marzu 2003).

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur, izda dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fejn la tista' tirbah il-kawza u lanqas tista' tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista' jghid li l-interess guridiku:

-irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza.]

-irid ikun dirett - irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
-irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
-l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita`.
-ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur -il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
-Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subiti mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.
-Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

Illi fis-sentenza **Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et** (App. Civ. (Imh JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet:

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita` esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' l-awtorita` gudizzjarja."*

Fil-kawza **Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk:

"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B'ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza flismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".

Fis-sentenza **J. Muscat et vs R. Buttigieg et** (App. Civ. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) intqal:

"*L-interess irid ikun*
*a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu:*
*b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari;*
*c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur*."

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fit-2 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet **George Laferla et vs Joseph Lauri et** inghad li:
"*Huwa risaput li l-interess ta' l-attur f'kawza jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista' tissokta (ara "**Calleja vs Micallef**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta'*

*April, 1992, u "**Sammut vs Attard**" deciza wkoll mill-istess Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Frar, 1993*)."

Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attrici naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. (**Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard**; App. Civ., 17.2.1993, Vol. LXXVII).

Illi f'sentenza ohra tas-17 ta' Frar 1993, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** qalet li:
"*l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni*".

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed issostni li ghandha relazzjoni guridika mas-socjeta' konvenuta tant li kienet qed taghti servizz ta' customer service lilha tul medda ta' zmien u kienet tithallas ghal dan is-servizz kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti. Jirrizulta li in effetti s-socjeta' konvenuta ma baqghetx thallas u talbet li jigi ritornat lilha l-inkartament taghha minghand is-socjeta' attrici li fil-fatt hekk ghamlet. Pero' minkejja dan is-socjeta' konvenuta ma hallsitx l-obbligi taghha. Illi ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta qed tikkontesta il-quantum li kellha thallas u cioe' is-somma ta' €4,400 mensilment bhala customer service izda qed tikkontesta li dawn il-flejjes huma dovuti lis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici resqet lil Nilay Camilleri tixhed u tispjega r-relazzjoni li kellha ma' Mario Karner peress li titkellem bil-lingwa Germaniza u spjegat kif kien ikollha skype calls u kif kienet tibghat e-mails lilu. Jidher minn qari tal-SMSes esebiti bhala Dok F1 tradotta bid-dokument F2 li Mario Karner jghid li kellu ihallas l-invoices li kienu pendenti u li ma thalsux minkejja li kienu ghaddew gimaghtejn. Hawnhekk stess Mario Karner jirrikonoxxi li huwa

debitur tas-socjeta' attrici. Anke fl-email mibghuta minn Ivan Camilleri lil Mario Karner esebita fl-atti a fol 117 hemm referenza flimkien ma' xi djun iehor tas-socjeta' konvenuta ghal dak pretiz fir-rikors promotur mis-socjeta' attrici u cioe' ghall pagamenti ghax-xhur ta' Marzu u April fl-ammont ta' €8,800 fejn Karner iwiegeb li kellu jiritorna lura lejhom. Dwar ir-relazzjoni guridika ezistenti bejn is-socjetajiet kontendenti ghandha issir referenza ghal invoice esebita fl-atti a fol 77 et fejn hemm proprju dak indikat fir-rikors promotur u cioe' li s-socjeta' konvenuta keinet qed taghti servizz ta' customer care lis-socjeta' attrici ghal perjodu ta' zmien. Zgur ghalhekk li s-socjeta' attrici kellha u ghad ghandha interess guridiku sabiex tipproponi din il-kawza u ghalhekk tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' li skond is-socjeta' konvenuta ma hemmx ness u vinkolo kuntrattwali jew rabta akwiljana bejn is-socjetajiet kontendenti. Illi m'hemmx dubbju li bejn il-kontendenti kien hemm relazzjoni kuntrattwali tant li fl-atti hemm esebit transaction lists dwar dak li sehh bejn il-kontendenti (fol. 76). Hemm ukoll numru ta' invoices mibghuta lis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici fejn qed jintalbu diversi hlasijiet. Jinghad anke mix-xhieda ta' Christopehr Agius, Ivan Camilleri u Mario Karner stess li l-invoices kollha gew saldati hlief u b'eccezzjoni dawk mitluba fir-rikors promotur. Dan fih innifsu jikkreja relazzjoni lavorattiva u kuntrattwali bejn il-kontendenti. Huwa minnu li kuntratt bil-miktub ma hemmx pero' dan ma jfissirx li ma kienx hemm kuntratt lavorattiv bejniethom. Kieku dan kien il-kaz, il-Qorti tistaqsi ghal x'hiex kienu l-pagamenti li gew avversati lejn is-socjeta' attrici minghand is-socjeta' konvenuta. Ghalhekk din it-tieni eccezzjoni qed tigi ukoll rigettata.

Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe' li s-socjeta' konvenuta eccepiet li hija s-socjeta' attrici li ghandha tipprova t-talba taghha tal-kreditu li hija temmen li ghandha versu s-socjeta' konvenuta. Illi ma hemmx dubbju li din il-Qorti mhix

rinfaccjata b'zewg versjonijiet konflingenti u cioe' li parti qed tghid li ghandha tiehu u l-ohra qed tghid li gja hallset, izda li parti qed tghid li hija kreditrici tal-ohra waqt li l-ohra qed tghid li m'ghandha taghti xejn ghaliex it-talba attrici hija infondata.

Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u

2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza flismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Bugeja vs Meilak",** il-Qorti Civili Prim'Awla (PA/TM) irrimarkat:

Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment.

Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta’ dak li japplika filkamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.

Fis-sentenza taghha tat-28 ta` April 2003 fil-kawza “**Ciantar vs Curmi noe**” il-Qorti Civili Prim’Awla (PS) qalet – Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.

Illi fil-kawza odjerna s-socjeta’ attrici spjegat tramite x-xhieda taghha (Ivan u Nilay Camilleri u Chris Agius) li hija kredittrici tas-socjeta’ konvenuta u dan f’zewg pagamenti ta’ €4,400 ‘il wiehed rapprezentanti din is-somma servizz ta’ xahrejn ghal Marzu u April 2015 moghti lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici. Illi s-socjeta’ attrici spjegat kif kienu isiru l-pagamenti antecidenti u li fil-fatt dawn kollha gew onorati izda li kien ghad fadal din is-somma pretiza.

Jinghad li mix-xhieda prodotta anke minn dak li stqarr Mario Karner innifsu ma jirrizultax li dawn iz-zewg invoices gew saldati. Jinghad mis-Sur Karner li huwa ma hallasx ghax ma kienx sodisfatt mis-servizz moghti u li addirittura s-servizz kien qed jinghata mis-socjeta’ Corporate Solutions. Jghid pero’ li jaf li kien ihallas xi kontijiet lis-socjeta’ attrici. Illi ghalhekk permezz ta’ din ix-xhieda solitarja, il-Qorti ma thossx li s-socjeta’ konvenuta irnexxielha tipprova li in effetti dak mitlub mis-socjeta’ attrici mhux dovut.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' attrici billi tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef u tmien mitt ewro (€8,800) .**

**Bl-ispejjez u l-imghax fuq is-somma li jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**